MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 30

It-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar il-Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier* |

Membri tal- Pubbliku: (1)*

* Inħatar Kunsillier permezz ta' c-option matul il-laqgħa

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Is-Sinjorina Amanda Vella — Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

30.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tad-disgħa u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.1.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LG favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'30.2.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

30.2.2. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-laqgħa annwali tal-Lokalità li nżammet fit-28 ta' Diċembru 2016, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.2.1. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'30.2.2. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

30.2.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal punt ta' diskuss ta' Misraħ is-Summit, fejn ġie irrimarkat li l-Kunsill għamel numru ta' pjanti, iżda nelfrattemp, inbidlu l-affarijiet u preżentement ġie delinejat *bus terminus*. Huwa irrimarka li madankollu, il-vetturi tat-trasport pubbliku xorta qed jipparkjaw fi Triq San Patrizju, u b'hekk qed jokkupaw spazji żejda. Huwa irrimarka li l-Kunsill kien immarka tlett parkeġġi għal dan l-użu, meta ma kienx hemm it-terminus.

30.2.2.3. Is-Sindku JC informa li t-twaqqif tat-terminus sar b'korrispondenza ma' Transport Malta, sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti meta xufiera jipparkjaw il-vetturi f'żoni residenzjali sabiex iġibu l-ħin.

30.2.2.4. Il-Kunsill innota li xorta għad hemm numru ta' nuqqasijiet fis-servizz.

30.2.2.5. Il-Kunsillier SZ irrimarka xi żvantaġġi li joħloq it-terminus, fosthom nuqqas ta' spazju ta' parkeġġ, kif ukoll riskju ta' aċċident fil-mument tal-manuvri tal-imsemmija vetturi sabiex jidħlu fit-terminus.

## 30.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

30.3.1. Is-Sindku informa dwar Ċirkulari 1/2017 li tirrigwarda Żamma fi Stat tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq.

30.3.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-kontenut, u l-formola ta' kif tinħadem l-allokazzjoni speċifika mas-suġġett. Huwa informa li meta jitnaqqsu l-ispejjeż rikorrenti preżenti, u l-*commitments* tal-PPP, jibqa' madwar €25,000 . (Anness Dok A1)

30.3.1.2. Is-Segretarju informa li talab direzzjoni mid-dipartiment jekk il-Kunsill għandux iżomm mad-direttiva sabiex ma jsirux proġetti kapitali f'dan ir-rigward, jew inkella jimxix ma' din tal-aħħar u is-somma ta' €25,000 għandiex tintuża.

30.3.2. Is-Sindku informa li l-impjegata Sjr Simone Fenech, ser tiġi promossa fi skala 10, skont il-ftehim kollettiv, b'effett mill-1 ta' Jannar 2017.

**NB: 5.45 pm. Il-Kunsillier HS attenda għal laqgħa**

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

30.4.1. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għal Triq l-Iżbark tat-Torok, fejn hemm ammont ta linji sofor li possibbilment ma għadx hemm bżonnhom. Is-Sindku informa li ser jikkoordina sabiex issir verifika.

30.4.2. Il-Kunsillier JB għamel referenza għal Triq il-Fossili li hija direzzjoni waħda għat-traffiku, u staqsa lis-Sindku dwar possibbiltà li titwaħħal vleġġa direzzjonali faċċata ta' Triq il-Mandolina u ssir vleġġa miżbugħa mal-art, minħabba li qed ikun hemm vetturi li jmorru kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Huwa informa li fil-passat, tali tabella kienet hemm, iżda xi resident qalagħha mingħajr awtorizzazzjoni. Is-Sindku wieġeb li t-tabella għanda terġa' teħel.

30.4.3. Il-Kunsillier JB staqsa lis-Sindku dwar il-proġett tal-Qajjenza. Is-Sindku informa li l-proġett miexi kif kien pjanat.

30.4.4. Il-Kunsillier HS innota li l-Kunsill tal-Mosta ħa investiment ta' madwar €500,000 bħala planning gain, mingħand il-PAMA. Huwa staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill jistax ikellem lill-entitajiet kbar bħal ElectroGas Malta Ltd sabiex jagħmlu l-istess, għal benefiċċju tal-Lokalità.

30.4.4.1. Il-Kunsillier JB irrimarka li l- ElectroGas Malta Ltd qegħda fil-konfini ta' Marsaxlokk.

30.4.4.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-Freeport qed joħroġ €100,000 f'donazzjonijiet matul kull sena, lil diversi għaqdiet.

30.4.4.3. Is-Sindku wieġeb billi irrefera għal planning gain imposta fuq il-Freeport mill-PA, u li qegħda fi stadju ta' appell, u qal li l-Kunsill diġà jibbenefika minn tali opportunitajiet.

30.4.5. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar x'ser isir mill-pont ta' ħdejn il-Country-Style.

30.4.5.1. Is-Sindku wieġeb li tali miżura ser tkun inkluża fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni ta' Birżebbuġa. Huwa qal li l-istabbiliment tal-Country Style u ta' maġenbu, ressqu pjan sabiex jgħollu t-triq minflok isir il-pont, liema pjanti ġew mgħoddija lil Perit tal-Kunsill.

30.4.5.2. Il-Kunsillier JB staqsa jekk b'tali disinn propost, l-istabbilimenti hux ser joħorġu iktar imwejjed u siġġijiet, u jimblokkaw. Is-Sindku wieġeb li ser ikun hemm passaġġ fin-nofs.

30.4.5.3. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk dan hux ser isir minn Projects Malta. Is-Sindku informa li s-sidien tal-istabbilimenti lesti li jħallsu kollox huma.

30.4.5.4. Il-Kunsillier SZ staqsa f'każ li l-Kunsill ma jogħġbuhx il-pjanti, hux ser joġġezzjona.

30.4.5.5. Il-Kunsillier SZ irrimarka li la huwa, u lanqas il-Kunsill, ma jrid l-ebda obbligazzjoni, jew xi forma ta' korruzzjoni, fejn, is-sidien iwettqu xi proġett u jippretendu li l-Kunsill jaġevolhom b'forma ta' kompromess. Is-Sindku wieġeb li dan mhux il-każ.

30.4.5.6. Il-Kunsilliera LG staqsiet jekk f'każ li l-proġett isir, x'jiġri mill-manutenzjoni . Is-Sindku informa li dan jibqa' propjetà pubblika.

30.4.5.7. Il-Kunsillier JB irrimarka li huwa ma jrid l-ebda obbligazzjoni lejn xi negozjant. Huwa żied jgħid li din hija delinejat bħala triq, u jekk togħla ma tibqax triq.

30.4.5.8. Il-Kunsillier SZ irrimarka li ħadd ma jagħmel xejn għalxejn. Huwa issuġġerixxa li s-sidien jistgħu jagħmlu proġett ta' pont, u mhux jgħollu l-art.

30.4.5.9. Il-Kunsillier HS qal li ħadd m'għandu jirkeb fuq dar ħadd, u dan japplika ukoll għas-sidien ta' dawn l–istabbilimenti

30.4.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal Permess tal-PA relatat ma' żvilupp f'residenza privata li ser taffettwa Triq iż-Żebbuġ. Huwa staqsa lis-Sindku dwar il-progress, u l-pożizzjoni tal-Kunsill.

30.4.6.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill oġġezzjona għal permess għal fatt li kien jinkludi talba għal bieb ta' garaxx fi Triq iż-Żebbuġ li hija pedonali. Is-Sindku informa li sar eżerċizzju ta' tindif fit-triq imsemmija, u fl-akkwata. Huwa informa wkoll li saru qsari fejn kien hemm dawk oriġinali, u ikkonferma wkoll li ser isir l-ornament tal-ġebel kif kien.

30.4.7. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk l-attivitajiet li kien involut hu fihom, bħal ta' Joys of Gospel, u tan-Nadur Għawdex, hux ser jerġgħu jinżammu dis-sena.

30.4.7.1. Is-Sindku talab lil-Kunsilliera JBD, responsabbli mill-attivitajiet, biex tippjana l-kalendarju relevanti ta' din is-sena, u jiġi ikkonfermat kalendarju sħiħ.

30.4.7.2. Il-Kunsilliera JBD infurmat li fir-rigward tal-Attività Villaġġ tal-Milied, kien hemm il-kummenti biex ma terġax tinżamm barra, minħabba l-kesħa li kien hemm, u li affettwat negattiv l-attività li saret barra. Hija żiedet tgħid li l-attivitajiet ta ġewwa kienu suċċess. Il-Kunsilliera JBD infurmat ukoll li s-Sur Ġorġ Vella sponsorja l-ħlas ta' €100 tal-atturi tal-pantomima li ttellgħet matul l-attività.

## 30.5 Rapporti

30.5.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

30.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 30.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 01/17 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK B1 )

30.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-riżultat ikun favur unanimament.

30.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-Petty Cash għal Diċembru (Anness Dok B2), li ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie ikkunsidrat bħala moqri.

30.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

30.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-permess tal-Parkeġġ ta' Wied il-Buni ser jiskadi f'Novembru 2017.

30.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot l-ingaġġ tal-perit oriġinali sabiex issir estensjoni bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 30.8 Mozzjonijiet;

30.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet riċevuti sad-data tal-għeluq, skont Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7 28/1

## 30.9 Siġġu Vakanti ta' Kunsillier

30.9.1. Is-Sindku JC ressaq mozzjoni sabiex is-Sur Sandro Alexander Caruana jiġi innominat bħala Kunsillier tal-Lokalità ta' Birżebbuġa, u b'hekk jimtela' is-siġġu vakanti eżistenti fil-Kunsill, issekondata mill-Kunsillier JB. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

30.9.2. Is-Sindku feraħ lis-Sur Sandro Alexander Caruana, magħruf bħala Alex Caruana. Il-membri preżenti ingħaqdu mas-Sindku.

30.9.3. Is-Sindku JC talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex is-Sur Sandro Alexander Caruana jieħu l-Ġurament tal-Kariga, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**NB: 18.25 Is-Sur Sandro Alexander Caruana ħa il-ġurament tal-ħatra ta' Kunsillier.**

30.9.4. Is-Sur Alex Caruana ġie iddikjarat bħala Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali ta Birżebbuġa.

## 30.10 Attività Karnival 2017

30.10.1. Is-Sindku tkellem dwar attività tal-Karnival, u irrimarka li huwa tal-opinjoni li din is-sena, l-attività terġa' ssir .

30.10.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ssir, iżda bir-riżorsi tal-Kunsill.

30.10.1.2. Il-Kunsilliera LG offriet li tiddisinja l-poster. Il-Kunsill qabel.

30.10.1.3. Il-Kunsill qabel li jsir kumitat organizzattiv li jkun jinkludi lis-Sindku, u lill-Kunsillieri JBD, AC u SZ, sabiex iħejju programm.

30.10.1.4. Il-Kunsill qabel li jiġi allokat baġit ta' €700 għal din l-attività.

## 30.11 Trasferiment ta' Vacation Leave tal-Impjegati

30.11.1. Is-Sindku JC informa li l-impjegati tal-Kunsill għad fadalhom xi ftit sigħat ta Vacation leave li ma ttieħdux minħabba esiġenzi ta xogħol.

30.11.1.1. Il-Sindku JC ressaq mozzjoni sabiex is-sigħat ta' *leave* li ma tteħidx mill-impjegati jiġi trasferit għas-sena 2017, issekondata mill-Kunsillier JB, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 30.12 Estimi Annwali

30.12.1. Is-Sindku JC ressaq l-Estimi Annwali 2017 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega ir-rapport.

30.12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm tibdil mill-abbozz li tressaq fil-laqgħa preċedenti.

30.12.2.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2017, issekondata mill-Kunsillier SZ, bir-riżultat ikun:

Favur: 6 (JB, ZS, JC, LG, JBD, HS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AC)

Il-Kunsillier AC informa li huwa astjena minħabba li ma kienx involut fil-Kunsill sa dik il-ġurnata.

30.12.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar il-possibbiltà li jintużaw il-fondi tal-UIF sabiex isir il-proġett tal-bandli inklussiv.

30.12.3.1. Is-Sindku JC irrimarka li dan il-fond għandu jitħalla sabiex jekk ikun il-bżonn, isir il-proġett tal-iskate park.

30.12.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar miżura li ssemmiet fil-baġit tal-Gvern Ċentrali fejn entitajiet privati li jagħmlu proġett fil-lokalità, ikollhom tnaqqis mid-dħul tagħhom, ekwivalenti għal 120 fil-mija tal-valur tax-xogħol.

30.12.4.1. Il-Kunsill qabel li ssir riċerka fuq dan l-inċentiv.

## 30.13 Balance Sheets

30.13.1. Is-Sindku informa li l-balance sheet tax-xahar ta' Diċembru ser tkun iffinalizzata hekk kif jiġi abbozzat il-Financial Statements.

## 30.14 Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-Sena

30.14.1. Is-Sindku ressaq ir-Rapport Finanzjarju tar-raba' kwart tas-sena.

30.14.1.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi, issekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot, bir-riżultat ikun:
Favur: 6 (JB, HS, JC, LG, JBD, SZ)
Kontra: 0
Astensjonijiet 1 (AC)

Il-Kunsillier AC informa li huwa astjena minħabba li ma kienx involut fil-Kunsill sa dik il-ġurnata.

## 30.15 Performance Appraisals

30.15.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-*performance* tal-impjegati tal-uffiċċju tal-Kunsill .

30.15.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-impjegati kollha taw il-massimu tagħhom matul is-sena 2016. Huwa ippropona li l-impjegati kollha msemmija jingħataw il-bonus bir-rata ta' 6%.

30.15.1.2. Il-Kunsillier HS ressaq mozzjoni , issekondata mill-Kunsilliera JBD, favur il-ħlas ta' 6% performance bonus lill-impjegati Sjr Aloisio, Sjr Fenech, Sjr Manicaro, u Sjr Abela, bir-riżultat ikun favur unanimament.

30.15.2. Is-Sindku, JC ressaq ir-rapport tal-performance tas-Segretarju Eżekuttiv.

30.15.2.1. Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu tal-Performance Bonus.

30.15.2.2. Is-Sindku JC ressaq mozzjoni , issekondata mill-Kunsillier JB, favur il-ħlas ta' 10% performance bonus lis-Segretarju Eżekuttiv, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 30.16 Fondi Ewropej.

30.16.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm għad-dispożizzjoni numru ta' oqsma ta' Fondi Ewropej.

30.16.1.1. Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) Miżura 4.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipprepara stimi u applikazzjoni għall-irranġar ta ħitan tas-sejjieħ fi Triq tal-Ġebel, Triq tal-Papa, il-parti li tisbokka fejn il-Caribbean, u Sqaq in-Noqra.

30.16.1.2. Fond li ser jiġi varat fiż-żmien li ġej, simili ta' Miżura 125 – Asfaltar ta' toroq f'żoni rurali. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra Triq Wied il-Qoton, Triq Bengħajsa, u Triq il-Brolli.

30.16.1.3. ERDF – Priority Axis 4 u 5, li għalihom il-Kunsill diġà beda l-preparamenti.

30.16.2. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera LG sabiex tassisti f'dawn l-applikazzjonijiet.

## 30.17 Osservaturi tal-Offerti Pubbliċi

30.17.1. Is-Sindku JC informa li kien hemm applikant wieħed biss taħt il-proġett pilota, tal-Osservaturi tal-Offerti Pubbliċi. L-applikant huwa s-Sur Emanuel Mangion.

## 30.18 Triq Kalafrana u Patching

30.18.1. Is-Sindku informa li l-manutenzjoni neċessarja fit-Triq magħrufa bħala Kalafrana, kif ukoll bħala South Port, saret minn Transport Malta.

30.18.2. Is-Sindku informa li d-dwal tat-triq li hemm fl-istess żona mhumiex tal-Kunsill. Huwa magħruf li dawn saru mill-Freeport, u infatti anke fuq il-mappa tal-Enemalta, huma indikati bħala bozoz ta' terzi persuni.

30.18.2.1. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Freeport sabiex issir il-manutenzjoni neċessarja.

30.18.3. Il-Kunsill innota li hemm xi talbiet għal danni sofferti f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li tali talbiet għandhom isiru lil Transport Malta.

## 30.19 Pjan ta' Hidma ta' 3 Snin.

30.19.1. Is-Sindku JC ressaq il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għas snin 2017-2019.

30.19.1.1. Il-Kunsilliera LG ressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi, ssekondata mill-Kunsillier HS, bir-riżultat ikun:
Favur: 6 (LG, HS, JC, JB, JBD, SZ)
Kontra: 0
Astensjonijiet 1 (AC)

Il-Kunsillier AC informa li huwa astjena minħabba li ma kienx involut fil-Kunsill sa dik il-ġurnata.

## 30.20 Street Lighting

30.20.1. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li, fuq talba ta' residenti, tiżdied bozza fi Triq il-Port Ħieles, mal-ġenb tas-*substation*, minħabba li din iż-żona tinsab mudlama. Il-Kunsill qabel unanimament.

30.20.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm bozza fi Triq Wied il-Qoton li ma taħdimx, u dan minħabba possibbilment ħsara fil-wajer. Huwa żied jgħid li l-Enemalta qalu li din il-bozza allegatament hija irregolari, u għaldaqstant talbu li l-Kunsill sabiex jirregolarizzaha. Il-Kunsill qabel.

30.20.3. Il-Kunsillier SZ irrimarka li possibbilment, simili tal-problema tal-lampa imsemmija f'materja 30.20.2, hemm oħra fi Triq iċ-Ċief, iżda huwa ċert li mhux il-każ ta' irregolarità. Madankollu huwa issuġġerixxa biex jittieħdu l-passi neċessarji sabiex il-materja tiġi solvuta. Il-Kunsill qabel.

30.20.4. Is-Sindku JC irrimarka li Triq Bengħajsa, li tagħti għal Fortizza ġiet imnadffa, u matul ix-xogħol irriżulta li din it-triq hija mudlama. Huwa ssuġġerixxa li ssir lampa ma' arblu eżistenti. Il-Kunsill qabel.

## 30.21 Skema irrestawra Darek.

30.21.1. Is-Sindku irrefera għad-dokumenti mibgħuta mal-aġenda, liema dokumenti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitkellem fuq il-materja.

30.21.2. Is-Segretarju informa lill-membri preżenti li saret korrispondenza mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn id-dipartiment irrimarka li "huwa stat ta' fatt li l-ebda Kunsill Lokali ma jista' joħroġ fondi pubbliċi għal użu ta' persuna partikolari".

30.21.3. Il-Kunsill qabel li persuni li juri interess fl-iskema għandhom ikunu mgħoddija suġġeriment sabiex ikunu huma li jsibu persuna teknika li tlesti l-applikazzjoni neċessarja.

## 30.22 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.22.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30 ta filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 20 ta' Frar 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 20 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Cutajar | Svetlick Flores |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Cm 30 Dok.A1

| 2017 Allocation | | 2017 Estimated Expenditure | | | Over / Under |
|---|---|---|---|---|---|
| *Road Maintenance* | | | | | |
| Urban Maintenance | € 113,890.22 | € 40,900.00 | | **Sub Total** | € 72,990.22 |
| | | | € 3,000.00 | Sundry | |
| | | | € 100.00 | Sapre Parts | |
| | | | € 1,500.00 | Public Property | |
| | | | € 1,800.00 | Pavements | |
| | | | € 8,000.00 | Signs | |
| | | | € 5,000.00 | Road Markings | |
| | | | € 4,000.00 | Other Repairs | |
| | | | € 14,000.00 | Street Lighting | |
| | | | € 3,500.00 | Other Expenses | |
| | | | | | |
| Rural Maintenance | € 47,152.98 | € 15,500.00 | | **Sub Total** | € 31,652.98 |
| | | | € 15,500.00 | Patching MTI | |
| | | | | | |
| Street Sweeping | € 72,237.17 | € 42,000.00 | | **Sub Total** | € 30,237.17 |
| | | | € 29,000.00 | Street Sweeping | |
| | | | € 12,800.00 | Contract Manager | |
| | | | € 200.00 | Other Expenses | |
| | | | | | |
| Rural Cleaning | € 20,501.30 | € 16,973.00 | | **Sub Total** | € 3,528.30 |
| | | | € 16,473.00 | Tipper Truck | |
| | | | € 500.00 | Other Expenses | |
| | | | | | |
| Total | € 253,781.67 | € 115,373.00 | | **Profit** | € 138,408.67 |
| | | | | **Less PPP 1** | € 85,000.00 |
| | | | | **Less PPP 2** | € 27,000.00 |
| | | | | **Balance** | € 26,408.67 |